# DAWL U DIJA

*Ta'* Pawlu Aquilina

L-Ave Marija!...
Niżlet ix-xemx xitwija,
Wara s-Salib ta' l-Għolja.
Wiċċha kien aħmar nar bħal tal-pepprina.
Ħall'et warajha,
Fis-sema blù u k'esaħ sew biż-żiffa,
Bħal swaba' twal, ħamrana,
Rotob, ħanina, wtieqa...
Li żegħlu bil-ħlejqiet ta' min ħalaqhom,
U taw il-ħajja ta' kuljum mixtieqa.

Intfiet il-ħmura...
Il-blù tas-sema qed jiswied u jsewwed
Kull ma taħt sidru jilma:
Il-baħar, l-għolja, il-wied twil, il-wita.
Dieħel il-lejl,
Ikeffen,
Fid-dalma tiegħu kull maħluq u ħlejqa.
Ġa mietu l-ħsejjes li joħonqu l-ħajja;
Isaltan ħelu ħelu qed jinfirex
Is-skiet ħanin u ħlejju.

Kwiekeb tal-fidda,
Xirfu fis-sema jpetptu;
Itertru bil-bard x'eref ta' Diċembru.
Mijiet... eluf ta' ġamriet sħan jitbissmu,
Imlew is-sema tagħna.
Tawna ftit dawl u nkisret
Il-qoxra iebsa u sewda li keffnitna
U qalbna reġgħet tbissmet,
Mimlija ferħ u faraġ, risq u tama,
Li s-sebħ qed joqrob biex iżernaq magħna.

*　*　*

Daqq nofs il-lejl...
U sebaħ f'daqqa waħda!
Is-sema mimli dija,
U kant u għana ta' ħlejqiet moħbija.

Il-ħemda nkisret, kulħadd qam u stenbaħ
Minn ngħas u r-raqda twila...
Kulħadd qed jgħammex
Għajnejh imbexxqa lejn is-sema mdawla
B'elf dija bajdanija
Tal-kwiekeb li iddew daqshekk qawwija.

Infetħu d-djar...
U barra
Ħareġ kulħadd jistaqsi kif hekk sebaħ,
U kif is-sema mtela' kant u dija.
U ġrew it-tfal u l-kbar fil-misraħ ċkejken
Tar-raħal tagħhom fqajjar.
Kulħadd mixtieq, jistaqsi,
Tifsir il-ġrajja kbira,
Li sebaħ f'nofs il-lejl u jidwi s-sema
Bil-kant u l-ilħna ħelwa, ferreħija.

Weġibhom Anġlu sbejjaħ...
Abjad bħas-silġ... jittajjar...
Imdawwar,
Bi qtajja' t'anġli jgħannu ferreħija.
U lssen leħnu ħlejju:
"Twieled, ja ħbieb, Bin Alla!
"Is-sema u l-art mimlija,
"Bil-ferħ u l-hena u bid-dawl u d-dija,
"Ta' seħer artna sbejħa,
"Tal-ġenna tagħna mbierka..."

U żied il-kant u l-għana
Ta' l-anġli ferħanin...
Is-sema far u mewweġ kollu dija
U fewħet l-arja inċens u ġiżimin.

Fuq nofs il-misraħ sewwa,
Feġġet tas-sema kewkba...
Kbira, sabiħa, tilma,
Xuxitha twila, twila...
Ġo nofs il-folla nieżla,
Ta' tfal u xjuħ u żgħażagħ.

Jitolbu ferħanin, b'rashom baxxuta,
Madwar maxtura ċkejkna...
Twieled Bin Alla fiha!
Fil-faqar...... u tarbija!...

L-24 ta' Novembru, 1954